Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 23/2017

**Antonia Ellul u Emanuel Ellul**

**Vs**

**Connie Susan Muscat**

2 ta' Marzu, 2018.

1. L-atturi harrku lill-konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' elfejn ewro (€2,000), self brevi manu lil binthom Connie Susan Muscat. Skont l-atturi l-konvenuta baqghet ma hallsitx lura l-flus.

2. Il-konvenuta wiegbet li l-hlas mhuwiex dovut.

3. B'sentenza tas-26 ta' April, 2017 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba.

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravju hu li t-Tribunal ghamel apprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi.

5. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar qies li l-verzjoni tal-attrici kienet iktar kredibbli ghaliex:

    - Fl-affidavit il-konvenuta kienet qalet li ommha ma talbitix il-flus, filwaqt li meta xehedet *viva voce* qalet li ommha talbet il-flus lejn Jannar tas-sena 2017.
    - L-attrici kienet cemplet lil Jesmond Camilleri u qaltlu bil-fatti. Il-konvenuta ma pprotestatx ghal fatt li l-attrici kienet qeghda tghid li huma kredituri taghha fis-somma ta' €2,000.
    - Hu nverosimili li l-konvenuta ma kellmitx lill-attrici biex ma tinkwetax lil ommha, u dan meta kient taf f'liema stat kienet ir-relazzjoni taghhom wara l-incident li sehh fis-sajf 2016 in konnessjoni mas-souvenir.
    - Meta t-Tribunal sema' lill-attrici tixhed *viva voce*, seta' jara li 'l fatti u dettalji specifici tafhom verament.
    - L-ittra nkitbet fl-animu li kienet bih l-attrici meta bintha tatha souvenir imxaqqaq.

6. Il-qorti qrat l-atti.

7. Ghal dak li jirrigwarda appell fuq punti ta’ fatt, il-gurisprudenza hi cara. F’sentenza ricenti l-Qorti tal-Appell (Superjuri) regghet ikkonfermat:

*“Il-Qorti terga’ tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet Phyliss Ebejer vs Joseph Aquilina (10 ta’ Jannar 1995 “il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f’kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta’ valutazzjoni ta’ fatti”. Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet Joseph Cini v. George Wells (15 ta’ Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li “Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta’ revizjoni li fejn si tratta ta’ apprezzament u evalwazzjoni ta’ provi ta’ fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu mod iehor”* (**Josephine Agius vs Pius Theuma**, 26 ta’ Jannar, 2018).

8. Il-qorti tosserva:

8.1 Il-konvenuta kkonfermat li l-attrici cemplet lil Jesmond Camilleri, is-sieheb taghha, u kellmitu dwar il-flus li l-attrici qalet li selfet lill-konvenuta. Il-konvenuta kompliet tghid li l-ewwel darba li semghet bis-somma ta’ €2,000 kien wara l-Milied tal-2016 meta ommha cemplet lis-sieheb taghha (seduta tat-3 ta’ April, 2017). Pero’ meta fis-seduta tas-16 ta’ Marzu, 2017 xehedet in subizzjoni qalet, *“Nghid li l-attrici hija ommi. Nghid ukoll li qatt ma talbitni flus”*. L-istess xehedet fis-seduta tat-3 ta’ April, 2017: *“Mieghi b’xi mod jew iehor dawn il-flus illi qed jintalbu fil-kawza ommi ma semmithomx mieghi”*. Il-qorti ssibha difficli li l-attrici semmiet is-self lil Jesmond Camilleri u ma semmiet xejn lill-konvenuta.

8.2 Jesmond Camilleri, is-sieheb tal-konvenuta, xehed: *“Nghid li dwar ammont ta’ elfejn ewro (€2,000) li qed jinghad li huma dovuti lill-atturi minn Connie Susan nghid quddiemi dawn qatt ma ssemmew”*. Ix-xhud ma semma xejn dwar il-konversazzjoni li kellu ma’ omm l-attrici, minkejja li l-konvenuta stess taccetta li din il-konversazzjoni saret permezz tat-telefon.

8.3 In subizzjoni l-konvenuta xehedet *“Jiena qatt ma kelli partner li kellu dghajsa. Nghid li jiena naqbel li kelli partner li kellu dghajsa”* (seduta tat-23 ta’ Frar, 2017). Kliem li mill-bidunett juri element ta’ inkonsistenza.

8.4 Il-konvenuta xehedet, *“Mieghi b’xi mod jew iehor dawn il-flus illi qed jintalbu fil-kawza ommi ma semmithomx mieghi”*. Il-qorti, bhat-Tribunal, issibha ferm difficli temmen li l-attrici qatt ma semmiet is-somma ta’ €2,000 lill-konvenuta u semmiethom biss lil Jesmond Camilleri.

8.5 Il-konvenuta xehedet ukoll, *"Nghid illi jiena ma kellimtx lil ommi dwar dawn l-elfejn ewro (€2,000), dwar din it-talba tal-hlas lura ta' dawn l-elfejn ewro (€2,000) biex lil ommi ma ninkwitahiex. Jiena wara din it-talba partikolari ghazilt illi nzomm id-distanza tieghi minhabba r-rispett lejn ommi".* Ghall-qorti dan ma jaghmilx sens. Din mhijiex kwistjoni ta' rispett izda materja li probabbilment kienet twassal lill-konvenuta tikkomunika ma' ommha u tkellimha dwarha. Dan iktar u iktar meta tqis li l-konvenuta tinsisti li qatt ma sselfet flus minghand ommha.

8.6 Hu minnu li f'ittra li l-attrici baghtet lill-konvenuta ma jidhirx li ssemmiet din is-somma. Pero' minn dak li fehmet il-qorti, is-suggett ma kellux x'jaqsam mas-somma ta' €2,000 izda souvenir bil-hsara li l-konvenuta tat lill-attrici. Il-konvenuta stess tirrikonoxxi li l-ittra ntbaghtet mill-attrici *"... fis-sahna tal-mument ghaliex kienet irrabjata hafna li tajtha s-suvenir mkisser".*

8.7 Din il-qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tismax xhieda. Il-kwistjoni ta' kredibilta' ma tiddependix biss minn dak li jghid ix-xhud meta jkun fuq il-pedana tax-xhud izda wkoll mill-atteggament tieghu waqt li jkun qieghed jiddeponi. Mhemmx dubju li f'dan ir-rigward it-Tribunal kien fl-ahjar posizzjoni li jqis min mill-partijiet kien l-iktar kredibbli. Fir-rikors tal-appell, il-konvenuta nsistiet li fil-kontro-ezami l-attrici qalet affarijiet li jikkontradicu dak li qalet fl-affidavit u ma kellix titwemmen. F'dan ir-rigward it-Tribunal kien car, *"Illi min-naha l-ohra, meta t-Tribunal kellu l-okkazzjoni jisma' lill-attrici tixhed viva voce, anke jekk in kontro-ezami, seta' jikkonstata illi l-fatti u d-dettalji specifici tafhom verament. Dak li ma tfiehemx sewwa bil-kitba, permezz tal-affidavit, inftiehem b'mod mill-aktar car meta l-attrici xehedet bil-fomm".* Mehud in konsiderazzjoni din id-dikjarazzjoni, il-qorti ma tistax taqbel mal-attrici.

8.8 Il-konvenut taghti x'tifhem li d-dizgwid ma' ommu kien inqala' f'Awissu 2016 meta baghatet lil ommha souvenir li kien imkisser. Il-qorti ssibha difficli temmen li l-attrici vvintat storja li hi kreditrici tal-konvenuta ghas-somma ta' €2,000, minhabba s-souvenir. Ma jirrizultax li kien hemm xi raguni ohra li setat twassal lill-attrici biex tivvinta storja bhal dik.

8.9 'Il fatt li zewg partijiet jaghtu zewg verzjonijiet li huma ghal kollox opposti ghal xulxin ma jfissirx li t-talba tal-attrici ghandha tigi michuda. Hu d-dmir tal-*fact finder* li jiddetermina liema verzjoni mit-tnejn hi l-iktar kredibbli. Hekk gara f'dan il-kaz.

8.10 Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li mhemm ragunijiet gravi li jistghu jwasslu li din il-qorti biex tikkonkludi li t-Tribunal ma kellux jiddeciedi bil-mod li ddecieda.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.